**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 319/2017 PM1**

**Marco Dingli (ID 554075(M)) u Romina Dingli (ID 548083(M))**

**Vs**

**Ian Grech (ID 331074(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ghoxrin (20) ta' Lulju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess atturi s-somma komplessiva ta' tlett elef euro (€3000) bl-imghax legali mill-15 ta' Jannar, 2017 bl-ispejjez u dana peress illi ai termini ta' skrittura privata bejn il-partijiet datata 14 ta' Novembru, 2016 il-konvenut kellu jaghmel sitt pagamenti mensili ta' hames mitt euro (€500) imma, peress li naqas milli jaghmel zewg pagamenti, ddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghalih fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 u lanqas fis-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attrici fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghall-konvenut sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru kif mitlub mill-15 ta' Jannar, 2017 u dana ai termini tal-iskrittura sottoskritta mill-partijiet datata 14 ta' Novembru, 2016.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess atturi s-somma komplessiva ta' tlett elef euro (€3000) bl-imghax legali mill-15 ta' Jannar, 2017 bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**